# DONAZZJONI MIL-LIONS' CLUB SAN PAWL IL-BAĦAR

Fl-okkazjoni tal-100 sena mit-twaqqif tal-Lions Club International, is-sezzjoni ta' San Pawl il-Baħar irregalat voucher ta' € 300 lil Mission Fund biex jinxtraw washing machine u vacuum cleaner biex jiġu inklużi fil-lista ta' premjijiet għall-Lotterija Grandjuża tal-Mission Fund.

Din l-għotja saret nhar l-Erbgħa 28 ta' Ġunju 2017 waqt l-Awards Night mill-President tal-Lions Club is-Sur Ronnie Cauchi lill-president tal-Mission fund is-Sur Charles Decelis.






## BUFFET BREAKFAST F'SAN ANTONIO HOTEL IL-QAWRA

**Il-Ħamis 28 ta' Settembru 2017**
**u l-Ħamis 2 ta' Novembru 2017**

**9.15** Quddiesa animata
**10.15** Buffet Breakfast
**11.15** Tombola

Prezz: €12.00 (Trasport jiġi provdut għal min jeħtieġ)
Biex tirriserva post ċempel l-uffiċċju fuq 21413664, jew lil Charles Decelis fuq 21575351 / 99885078

MISSION FUND

**QUDDIES GĦALL-ERWIEĦ TAL-BENEFATTURI TAGĦNA**

Noffri quddies b'suffraġju għar-ruħ / għall-erwieħ ta':

..............................................................................................

..............................................................................................

Qiegħed nibgħat donazzjoni ta' € ............ għall-bżonnijiet tal-missjunarji. permezz ta' cheque / money order pagabbli lill-MISSION FUND

ISEM: ..............................................................................................

INDIRIZZ: ..............................................................................................

.............................................. KODIĊI POSTALI: .............................. TEL: ..............................

ISEM, KUNJOM U L-INDIRIZZ TAL-QARIB LIL MIN TIXTIEQ TINFORMA: ..............................

..............................................................................................

..............................................................................................





# IL-MISSJUNARJU

**NEWSPAPER POST** | Ħarġa Nru: 119 | Settembru - Novembru 2017

MISSION FUND


# 25 SENA TA' ESPERJENZI MISSJUNARJI

Kien propju fis-16 ta' Lulju 1992 li grupp żgħir ta' 12-il voluntier ħadu sehem fl-ewwel esperjenza missjunarja organizzata mill-Mission Fund. Din kienet saret fl-Alġerija fuq talba ta' Sr Yvonne Gera FMM. Din l-esperjenza fetħet bieb għat-twettiq ta' numru ta' proġetti ta' fejda li jiġu mitluba mill-missjunarji Maltin u Għawdxin. Il-proġetti li saru jikkonsistu, fost oħrajn, impjant tal-biogas u ċentru għat-tfal b'diżabilità fil-Kenja, *fishfarm* fil-Gwatemala, bini ta' skola u estensjoni ta' sptar fit-Tanżanija, dormitorju għall-istudenti fl-Indja, ċentru tas-saħħa fis-Sudan t'Isfel u bini ta' klassijiet fil-Filippini. Saru wkoll tħaffir ta' bjar komunitarji u *boreholes* fl-Etjopja, il-Kenja u s-Sudan t'Isfel. Dawn il-proġetti servew biex tejbu b'xi mod l-istil tal-ħajja ta' eluf ta' persuni anqas ixxurtjati minna.



Bħala tifkira ta' dan il-25 anniversarju ġiet iċċelebrata quddiesa ta' radd il-ħajr li għaliha ġew mistiedna dawk il-voluntiera kollha li ħadu sehem f'dawn l-esperjenzi. Barra minn hekk, għal din is-sena il-Mission Fund qed tfassal programm ambizzjuż ħafna li jinkludu numru ta' proġetti. Fuq talba tal-Isqof Emanuel Barbara il-Mission Fund se tgħin biex jinbena ċentru f'Gongoni, il-Kenja, għan-nisa u tfajliet b'diżabilità li jiġu abbużati. Fil-Bolivja se jinbnew djar għall-foqra, filwaqt li fit-Tanżanija se jitħaffer *borehole*. Proġett ieħor jikkonsisti fi tqegħid ta' katusi għat-trasport tal-ilma minn Lake Victoria għal Bukumbi fit-Tanżanija fejn hemm villaġġ tal-lebbrużi li jieħdu ħsiebhom is-sorijiet Franġiskani ta' Santa Bernardette. Dan l-ilma sa jiġi msaffi biex ikun tajjeb għax-xorb. Fil-Filippini sa jsiru proġetti oħra li jikkonsistu: f'bini ta' klassijiet fl-iskola Madre Margherita DeBrincat li tinsab f'Bataan u li hi mmexxija minn Sr Gemma Fenech soru Franġiskana tal-Qalb ta' Ġesù; bini ta' djar għall-foqra li preżentement qed jgħixu f'kundizzjonijiet inumani fuq talba ta' Sr Annie Catania soru tad-Dorotej; u sistema ta' *drip irrigation* f'reġjun muntanjuż. Kull għajnuna b'risq dawn il-proġetti tiġi apprezzata ħafna. **GRAZZI.**

> ***Dawn il-proġetti servew biex tejbu l-ħajja ta' eluf ta' persuni.***

**MISSION FUND**: 500, Eureka Court, Blokk A, Flat 6,
Triq il-Kbira, Mosta MST 1018
*Ħinijiet tal-ftuħ*: Tnejn sal-Ġimgħa 9.00 a.m. - 1.00 p.m.
**E-mail**: missionfund@global.net.mt
**Website**: www.missionfund.org.mt
**Facebook**: https://www.facebook.com/global.net.mt/
**Reg No: VO/0015**

# L-EPISKOPAT TIEGĦI FID-DJOĊESI TA' GARISSA

Jiena minn dejjem kelli ħajra li mmur naħdem fil-missjoni. Sa minn meta kont żgħir kont nitlob li nkun missjunarju. Fil-fatt kelli darbtejn l-okkażjoni li naqta' xewqti. L-ewwel esperjenza tiegħi kienet fl-1989 u mbagħad fl-2010 meta mort naħdem fil-Kenja, fejn għadni hemm sal-lum inservi bħala isqof fid-djoċesi ta' Garissa.

Fil-bidu li mort Garissa jien kont għal tlett snin bħala koadjatur mal-Isqof Pawlu Darmanin. Dan iż-żmien servieni biex insir naf mill-qrib id-djoċesi f'dawk li huma sfidi u problemi assoċjati mal-istess djoċesi. Iżda meta l-Isqof Darmanin irtira, jiena sibt ruħi li rrid nieħu d-deċiżjonijiet jien u għalhekk bdejt inħoss ċertu responsabbiltà. L-akbar diffikultà li kelli u li għad għandi hija li jien m'għandix ma' min niftaħ qalbi u niddiskuti s-sitwazzjonijiet li niltaqa' magħhom fix-xogħol episkopali tiegħi biex inkun nista' nieħu l-aħjar deċiżjoni. Wieħed irid iqis li ċertu deċiżjonijiet jaffetwaw mhux biss lil xi individwu imma wkoll lil xi komunitajiet sħaħ bħal per eżempju parroċċi, kongregazzjonijiet u istituzzjonijiet oħrajn. Barra minn hekk trid ukoll tagħti lok biex tiltaqa' mal-parruċċani li jiġu jitolbu xi parir jew li jixtiequ xi għajnuna fuq xi problema personali.

***Biex tmur iżżur parroċċa għandek erba' jew ħamest ijiem***

L-għada li ħarġet in-nomina tiegħi ta' isqof fl-Lulju tal-2012, kien sar attakk terroristiku fuq żewġ knejjes f'Garissa: waħda tal-Protestanti fejn inqatlu madwar 18-il ruħ u l-oħra Katidral Kattoliku fejn indarbu xi nies imma fortunatament ma kienx hemm fatalità. Għalhekk jien kelli nibda x-xogħol pastorali tiegħi f'dawn iċ-ċirkostanzi li wieħed jibqa' jiftakar. Minħabba din is-sitwazzjoni ġie deċiż li l-ordinazzjoni tiegħi ma ssirx f'Garissa imma ssir f'post ieħor. Għall-bidu ġie ssuġġerit biex l-ordinazzjoni ssir f'Ruma, imma peress li din timplika ħafna arranġamenti jiena tlabt li ssir f'Malta u t-talba tiegħi ġiet milqugħa. Din kienet okkażjoni sabiħa ħafna kemm għall-Knisja f'Malta kif ukoll għall-familjari tiegħi u għall-sħabi kollha. Xi ħaġa li tfakkarni fl-ordinazzjoni tiegħi hija ċ-ċurkett li hija s-simbolu tar-rabta tiegħi mal-Knisja tul ħajti kollha.

B'kollox fil-Kenja hemm 25 djoċesi. Id-djoċesi ta' Garissa għandha popolazzjoni ta' madwar 886,000, li minnhom madwar 9,000 biss huma Kattoliċi. Il-parti l-kbira huma musulmani Sunni. Għalkemm ġeneralment dawn huma kemxejn ħorox però n-nies komuni huma nies paċifiċi. Għalhekk il-knisja tagħna hija ħafna rispettata.

Ix-xogħol tiegħi bħala isqof jirrikjedi wkoll li mmur inżur il-parroċċi li ħafna minnhom jinsabu l-bogħod u t-toroq huma ħżiena tant li jekk tkun ix-xita ma tissugrax







tivvjaġġa għax teħel fit-tajn. Id-djoċesi ta' Garissa hija mferrxa fuq medda ta' 140,000 km² u għalhekk biex iżżur parroċċa għandek l-isbaħ erba' jew ħamest ijiem. Però minkejja dawn id-diffikultajiet u problemi, xorta tibqa' tara kemm l-Id ta' Alla taħdem. Per eżempju, f'parroċċa minnhom, l-aktar waħda li qiegħda l-bogħod, bħalissa m'hemmx saċerdot permanenti. Ġara li s-saċerdot li kien hemm intalab mill-Gvern stess biex jitlaq minn hemm minħabba nuqqas ta' sigurtà peress kien hemm żewġ sorijiet Taljani li kienu nħatfu u ġew meħuda s-Somalja. Bħalissa saċerdot minn parroċċa oħra jmur biss darba kull xahrejn jew tlett xhur peress li biex tasal hemm trid tmur Nairobi u minn hemm tieħu ajruplan li jieħu sagħtejn biex jasal. L-ajruport huwa airstrip fil-kamp tal-militar u huwa magħmul miż-żrar u meta jinżel l-ajruplan tistħajjel li t-tyres se jinfaqgħu bl-iskossi li jieħu. Jiena darba mort ma' dan is-saċerdot u meta wasalt sibt lill-insara jistennewni u ħaduni fil-knisja li hija ddedikata lil San Mikiel. Hawn jien esperjenzajt il-ħidma tal-Ispirtu s-Santu għax qaluli li għalkemm m'għandhomx saċerdot huma xorta jiltaqgħu darbtejn fil-ġimgħa: kull nhar ta' Erbgħa u nhar ta' Ħadd fejn jiddiskutu l-qari tal-quddiesa u jagħmlu riflessjonijiet, ikantaw u jitolbu.

***Żewġ sorijiet Taljani nħatfu u ġew meħuda s-Somalja***

Bħala opri soċjali għandna ħames skejjel primarji u tlett skejjel tal-kinder. Għandna wkoll ċentru tas-saħħa u erba' kliniċi. Għalhekk permezz ta' dawn is-servizzi tal-edukazzjoni u tas-saħħa, il-knisja tkun qed turi l-preżenza tagħha billi toffri l-għajnuna kemm lill-insara kif ukoll lill-musulmani. Meta kont ġejt Malta s-sena l-oħra kont għidtilkom li konna qed nibnu estensjoni ta' skola St Mary School. Bis-saħħa tad-donazzjoni li rċevejt mill-Mission Fund din l-iskola ġiet inawgurata ftit jiem ilu. Din l-iskola timpjega ħmistax-il għalliema mill-Kenja, żewġ *cleaners* kif ukoll koka li tieħu ħsieb biex tipprepara l-ikel għall-istudenti. Il-paga tal-għalliema hija ta' madwar € 120 kull xahar. Għalhekk l-istudenti li jistgħu iħallsu l-miżata iħallsu, imma dawk li ma jistgħux jew iħallsu xi ħaġa żgħira jew ma jħallsu xejn. Aħna nippruvaw ukoll insibu *sponsors* biex jissussidjaw parti mill-ispejjeż.

Nixtieq nieħu din l-okkażjoni biex nirringrazzja l-Mission Fund għad-donazzjoni ta' € 4,500 li għadni kif irċevejt b'risq ix-xogħol episkopali tiegħi. Mingħajr din l-għajnuna jien ma nkunx nista' naqdi l-missjoni tiegħi kif nixtieq. Nixtieq nirringrazzja wkoll lill-benefatturi Maltin u Għawdxin u fl-istess ħin inħeġġiġhom biex ikomplu juru l-ġenerożità tagħhom lejn il-Mission Fund.

***Mons Joseph Alessandro OFM Cap***